



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-20 ta' Settembru 2022

# Tony Murphy elett President tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri

Il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) illum eleġġew lil Tony Murphy bħala President għal terminu ta' tliet snin li jista' jiġġedded.

Tony Murphy, nazzjonal Irlandiż, se jassumi l-kariga l-ġdida tiegħu b'mod uffiċjali fl-1 ta' Ottubru 2022, u b'hekk isir it-12-il President tal-Istituzzjoni. Huwa jieħu l-kariga wara Klaus-Heiner Lehne, li serva bħala President minn Ottubru 2016 'il hawn.

Għas-CV sħiħ ta' Tony Murphy, jekk jogħġbok ikklikkja [hawn](#).

Il-Membri tal-QEA jeleġġu l-President minn fosthom stess biex iservi bħala "l-ewwel fost il-pari" għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded. Il-President huwa inkarigat mill-istrateġija korporattiva tal-Istituzzjoni, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-prestazzjoni, il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet mal-media, il-kwistjonijiet legali u l-awditjar intern, u jirrappreżenta l-Istituzzjoni fir-relazzjonijiet esterni tagħha.

### Informazzjoni ġenerali

Il-QEA hija l-awditur indipendenti estern tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapporti u l-opinjoni tagħha huma element essenzjali tal-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jintalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-gvernijiet tal-Istati Membri. Il-QEA twissi dwar riskji, tipprovi aċċertament, tindika nuqqasijiet u prattiki tajba, u toffri gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi dwar kif jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE.

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)